*Akkademiċi ssoktaw il-ħidma li kien wettaq l-ewwel President.*

*Il-Professur Monsinjur P.P. Saydon qaleb għall-Malti l-Bibbja kollha; il-Professur Patri Serafin Zarb kiteb kif l-ilsien Malti jista' jaqdi fiċ-ċerimonji tal-knisja; il-Professur Patri A. Tabone nqeda wkoll b'ilsienna fil-kitba reliġjuża tiegħu, hekk ukoll għamlu Patri Galea u Patri Dijonisju Mintoff. Il-Professur Dun Karm Sant u l-Patri Valentin Barbara ħadmu mhux ftit biex inkitbu t-testi għall-missal bil-Malti.*

*Il-kant għażiż u ħelju għal waqt il-quddiesa, kif ukoll għal funzjonijiet oħra, wieħed jista' jgħid li nkiteb kollu minn Membri Akkademiċi bħalma huma Dun Karm, Patri Ġ. Delia, Dun Frans Camilleri u oħrajn.*

*Hekk bis-saħħa tal-Membri Akkademiċi l-poplu Malti jista' jimxi vers vers mal-qassis waqt il-quddiesa u jissieħeb mal-Ministri t'Alla f'dak is-Sagrifiċċju ta' Fidwa. Dan hu hena u komfort kbir għan-nisrani kattoliku li mixgħul bil-ferħ iħoss li għandu jsamma' leħnu f'għana ta' ħajr u qima lill-Mulej. Għalhekk sħabna fl-Akkademja kitbu inni u versi li jgħaxxqu bil-ħlewwa u bl-armonija.*

*Dan kollu qegħdin ngħiduh mhux bħala ftaħir imma biex infissru li l-Akkademja ma tibqax lura fejn tħoss li bis-saħħa tal-Malti tista' tagħmel ġid kemm fil-qasam tal-kultura, kif ukoll f'dak li hu soċjali jew reliġjuż, kif titlob il-qagħda tagħha tal-lum bħala korp nazzjonali.*

# TIRU AGĦSAFAR

**Ta' OLIVER FRIGGIERI**

Bla ħsieb ta' xejn tittajru,
taħarbu 'l fuq, togħlew,
u qatt ma tħabblu raskom
kemm jiem minn fuqkom ġrew.

Tilagħbu fuq is-siġar
u taħlu ferħanin
il-għana li ġo qalbkom
żergħalkom il-Bambin.



Il-leħen kiebi tagħkom
mal-ġmiel qasir tal-ward
inessi fija n-niket
li jkaxkar ħajti fl-art.

Ittajru ħbieb. Dewquni
mill-morr l-ewwel ħlewwiet.
Imbagħad aħarbu. Ħallu
l-infern taħt is-smewwiet.

---

**LAURENT ROPA**

## FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻJARA F'MALTA TA' MADAME MARGUERITE ROPA

**Mill-Professur Patri Serafin Zarb, O.P.**

Madame Marguèrite Ropa, armla tal-mibki Kittieb Laurent Ropa, waslet Malta fit-22 ta' Marzu 1970, flimkien mas-Saċerdot Gaucher, ħabib kbir ta' żewġha. Il-għan ta' din iż-żjara kien li Madame Ropa żżur lill-qraba ta' żewġha, fosthom P. Piju Rapa, O.P., Pirjol tas-Santwarju ta' Fatima, Gwardamanġa, u l-art fejn twieled żewġha.

Id-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università Rjali ta' Malta, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u l-Akkademja tal-Malti hejjew laqgħat biex jagħtu merħba lil mart Laurent Ropa, li huwa ġieh kbir ta' Malta.

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fost ħwejjeġ oħra hejja rħama b'tifkira ta' Laurent Ropa, fl-8 September Avenue, Xagħra, Għawdex, fejn twieled u ġiet mikxufa mill-armla tiegħu u mbierka minn ħuh P. Piju Rapa, nhar il-Għid il-Kbir, 29 ta' April 1970.

L-Akkademja tal-Malti tat "Vermouth d'Honneur" f'ġieh Madame Marguèrite Ropa fil-Kulleġġ ta' Saint Albert the Great, il-Belt, u stiednet lill-Professur P. Serafin M. Zarb, O.P., Membru Akkademiku ta' l-Akkademja, kif ukoll membru tal-Kunsill ta' l-Akkademja, biex jagħmel id-kelmtejn ta' merħba lill-preżenti u billi Madame Ropa xtaqet li dan id-diskors bil-franċiż jiġi stampat, sejjer jidher hawn taħt bit-tifsira tiegħu bil-Malti.